MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 45/2005/1

**It-Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Golden Shepherd Group Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Awissu, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Rat ir-risposta;

Stante li l-kwistjoni odjerna hi biss wahda ta' natura civili konsegwenti ghall-allegat debitu tas-socjeta` rikorrenti fil-

konfront ta' l-intimat Tabib Principali tal-Gvern, tichad it-talba."

Is-socjeta` Golden Shepherd Group Limited appellat mill-provvediment ta' l-ewwel Qorti tas-17 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu dik il-Qorti cahditilha t-talba tendenti biex twaqqaf il-procediment ghall-hlas tal-kreditu pretiz mit-Tabib Principali tal-Gvern. L-appell interpost ghandu bazi duplici. Il-wiehed ta' indoli procedurali fis-sens li s-socjeta` appellanti tikkontesta lill-ewwel Qorti l-fatt illi din ma osservatx u ma segwietx id-dispost ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12. L-aggravju l-iehor hu wiehed fil-meritu. Dan fis-sens illi, skond is-socjeta` appellanti, il-kwestjoni kienet jekk il-kreditu kienx ezigibbli f' dak l-istadju fil-konfront taghha konsiderat il-fatt li hi kienet inizzjat proceduri quddiem l-awtorita` kompetenti dwar l-infondatezza tal-pretensjoni fit-termini ta' l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kapitolu 379);

Ghal dawn l-aggravji l-appellat wiegeb hekk. Is-semplici allegazzjoni tal-vjolazzjoni kontra l-Kap imsemmi kien argoment manifestament infondat. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma kellha ebda obbligu li tappunta r-rikors tas-socjeta` appellanti ghas-smiegh. Skond l-appellat, l-Artikolu 466 imsemmi hu redatt f' termini izjed indikattivi milli mandatarji u dan kien jaghti lill-Qorti latitudni illi tichad ir-rikors anke minghajr smiegh jekk tqisu *ex facie* manifestament infondat;

Certament l-ewwel aggravju sottomess hu l-aktar wiehed importanti u jimmerita li din il-Qorti tinvestih kif jixraq;

Skond l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, fil-kaz ta' krediti tal-Gvern, il-procedura dettata mis-subinciz (1) tieghu hi dik li l-Kap tad-Dipartiment li jkun, jaghmel dikjarazzjoni mahlufa quddiem ir-registratur jew gudikant fejn fiha jispjega x-xorta tad-debitu, l-isem tad-debitur u jikkonferma li d-debitu hu

dovut. Is-subinciz (2), imbaghad, oltre li jistabilixxi li dik id-dikjarazzjoni hekk mahlufa ghandha l-effett ta' gudikat minn qorti kompetenti, jahseb biex jakkorda lid-debitur l-opportunita` li jopponi b' rikors, u fiz-zmien prefiss ta' ghoxrin jum minn notifika, it-talba kontenuta fl-istess dikjarazzjoni. Il-Kap Dipartimentali hu moghti d-dritt ta' risposta ghar-rikors interpost, u, kif jinghad fis-subinciz (3), "il-qorti tghaddi biex tappunta dak ir-rikors ghas-smiegh f' jum li jigi wara li jghaddi z-zmien ta' ghoxirn jum koncess mil-ligi ghar-risposta. Iz-zmenijiet imsemmija jistghu jigu akkorcjati f' kazijiet ta' urgenza (subinciz 4);

Ma jkunx inopportun, ghall-ahjar interpretazzjoni tal-precitat artikolu, illi jigi hawn registrat x' kien l-istat tal-ligi f' kazijiet ta' din ix-xorta qabel l-emendi apportati ghall-Kapitolu 12 bl-Att XXIV ta' l-1995. Qabel l-emendi, l-irkupru tal-flejjes dovuti lill-Gvern kien isir permezz ta' mandat ta' qbid. Id-debitur ma kien koncess ebda opposizzjoni immedjata ghat-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tal-mandat jew ta' l-izbank tal-flejjes rikavati mill-irkant ta' l-oggetti prelevati. Hu seta' biss jagixxi separatament kontra l-Kap tad-Dipartiment ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni ta' l-aggravju li sofra u ghall-hlas tad-danni. Dan skond l-Artikoli 466, 467 u 468 kif kienu dakinhar skond il-Kapitolu 15 tal-Ligijiet;

Mill-paragun bejn dawn iz-zewg stati tan-norma in diskussjoni, qabel u wara l-emendi, huwa indikattiv illi l-legislatur ried jintroduci permezz ta' l-emendi, innovazzjoni li tintitola lid-debitur jopponi ruhu, b' mod dirett u immedjat, l-ezekuzzjoni forzata tal-pretensjoni kreditorja mill-Kap tad-Dipartiment. Dan billi jinghata l-opportunita` fil-kontradittorju ta' dan ta' l-ahhar, li jiddimostra illi t-talba tal-Kap Dipartimentali kienet infondata. Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti, din l-infondatezza, o meno, ma kellhiex tigi determinata b' semplici digriet kamerali u minghajr approfondiment tal-meritu tal-vertenza izda fi procediment *ad hoc* ta' opposizzjoni ghall-att ezekuttiv. Provvediment bhal dak moghti mill-ewwel Qorti mhux biss ma ghandux kontenut decizorju kif suppost, izda huwa, dejjem fil-fehma ta' din il-

Qorti, radikalment null in kwantu ma huwiex rikonducibbli ghal dak il-gudizzju li, skond il-Kodici ritwali, irid jigi zvolt bi procediment kontenzjuz u, sussegwentement biss, konkjuz bi provvediment li jivvesti l-karattru ta’ sentenza;

Taht il-profil tar-*ratio legis* din l-interpretazzjoni ssib konfort minn dak provvdut fis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 466 fejn jinghad li l-qorti, konkjuz il-process inizzjali, ghandha tghaddi biex tappunta r-rikors ghas-smiegh. Bil-kontra ta’ dak sottomess mill-appellat fir-risposta ta’ l-appell tieghu, ragonevolment, din il-Qorti tahseb li l-intenzjoni tal-legislatur ghall-emenda introdotta kienet dik li toffri tutela adegwata lid-debitur bi procediment appozitu u mhux semplicement li l-opposizzjoni tieghu ghar-reklam ghall-hlas tigi paralizzata *ex facie* ir-rikors, u stronkata, appena twieldet, bi provvediment kamerali. Tezisti, fil-hsieb tal-Qorti, raguni ferm logika ghal dan. Ir-rimedju kien hekk indikat in omagg ghall-principju sagrosant tas-smiegh xieraq, u dan fil-kompletezza shiha tieghu. Isegwi, allura, illi meta, bhal f’ dan il-kaz, dak il-procediment ma jsirx, dik l-istess tutela tibqa’ insodisfatta in kwantu tkun qed tiddependi biss mill-poter tal-gudikant, minghajr dik l-indagini serja, fi procediment kontenzjuz, tal-kwestjoni inerenti ghall-opposizzjoni u tal-konsiderazzjonijiet guridici korrelati;

Minn dan jitnissel illi l-ewwel Qorti kellha allura d-dmir impost fuqha mill-istess ligi li tappunta r-rikors biex b’ hekk tassigura lis-socjeta` rikorrenti l-opportunita` pjena li tiddefendi kif jixraq l-assunt taghha ta’ l-intempestivita` tat-talba tal-Kap tad-Dipartiment u l-premessi ghaliha. Jekk imbaghad l-intempestivita` sollevata hijiex verament ta’ ostakolu biex twaqqaf l-ezekuzzjoni tal-pretiza tal-Kap tad-Dipartiment din hi materja li trid tigi konstatata fil-gudizzju nnifsu u mhux ponderata, deliberata u deciza *a priori* ta’ dak l-istess gudizzju;

In vista tar-ragonament maghmul din il-Qorti ma tistax hlief tqis il-provvediment kamerali moghti bhala irregolari.

Ferma din il-konkluzjoni, ma tarax in-necessita` li tinoltra ruhha fuq it-tieni aggravju fil-meritu, anke ghaliex dan ghandu qabel xejn jigi epurat u deciz mill-ewwel Qorti wara r-rinviju lilha ta' l-atti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar u tirrevoka l-provvediment moghti. Tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti biex din tipprovdi dwarhom skond il-ligi. Fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz huwa gust li l-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------